# IL-VERBI TAL-MALTI



Diskursata qasira
mimlija b'ħafna verbi

www.maltikurja.com

| | |
|---|---|
| Joe: | Ħelow Fred! Joe tal-escort il-Ġamra, jien! |
| Fredu: | Aw sieħbi! Xi nqala'? |
| Joe: | Il-karozza qed tinkwetani. Ippretendejt li wara dak is-service tħallini kwiet. Imma ma tridx taf. |
| Fredu: | X'għandha? |
| Joe: | Qed iddum biex tistartja u xi kultant tibda taqta' waqt is-sewqan. |
| Fredu: | Saħnitlek? |
| Joe: | S'issa le. Imma qed nibża' li tiqafli jew ma tistartja xejn! |
| Fredu: | Ara tistax illejla?! Jekk ma nkunx hawn ipparkjaha quddiem il-garaxx u ħalli ċ-ċavetta taħt it-tapit, bħas-soltu. |
| Joe: | Ħalli f'idi. Tarani żgur. Nirringrazzjak. |
| Fredu: | Saħħa Joe! |

# Diskussjoni u analiżi

- Fhimt x'ġara fis-sitwazzjoni? Din hija diskursata realistika?

- X'taħseb dwar il-verbi mmarkati?

- Agħżel 3 verbi, minn dawk immarkati, u spjega xi ssib differenti fihom.

| Semitiku | Rumanz | Ingliż |
|---|---|---|
| nqala’ | tinkwetani | tistartja |
| taqta’ | ippretendejt | ipparkjaha |
| saħnitlek | nirringrazzjak | |
| nibża’ | | |
| tiqafli | | |
| | | |

Fid-djalogu nsibu verbi minn 3 elementi lingwistiċi differenti li kollha huma parti mil-lingwa Maltija. Jekk inħarsu aktar fil-fond insibu 2 modi differenti kif jaħdmu.


Il-Verbi tal-Malti
Element Semitiku
Element Rumanz
Element Ingliż
Imnissel mill-Għarbi
Imnissel mit-Taljan
Imnissel mill-Ingliż
Jaħdem bl-GĦERQ
Jaħdem biz-ZOKK MORFEMIKU
Jaħdem biz-ZOKK MORFEMIKU

# Il-Verb Semitiku

- Jaħdem bl-Għerq (Konsonanti biss)

| | | | |
|---|---|---|---|
| Eż. | (i)nqala’ | - | Q – L - GĦ |
| | tiqafli | - | W – Q - F |
| | saħnitlek | - | S – Ħ - N |

Minn dawn l-għeruq nistgħu noħroġ kliem ieħor. Dawn il-konsonanti tal-għerq jibqgħu jidhru f’kull kelma li titnissel, f’dik l-ordni li qegħdin.

www.maltikurja.com

# Il-Verb Semitiku

- Eż. kiser - K-S-R

| Imperfett | Perfett |
|---|---|
| nikser | ksirt |
| tikser | ksirt |
| jikser | kiser |
| tikser | kisret |
| niksru | ksirna |
| tiksru | ksirtu |
| jiksru | kisru |

# Il-Verb Barrani (Rumanz u Ingliż)

- Jaħdem biz-zokk morfemiku ( għaqda ta' konsonanti u vokali li ġiet missellfa minn lingwi barranin)
- Eż. *ippretendejt* (Rum) */pretend/* (zm)

| Imperfett | Perfett |
|---|---|
| nippretendi | ippretendejt |
| tippretendi | ippretendejt |
| jippretendi | ippretenda |
| tippretendi | ippretendiet |
| nippretendu | ippretendejna |
| tippretendu | ippretendejtu |
| jippretendu | ippretendew |

# Il-Verb Barrani (Rumanz u Ingliż)

- Eż. *tistartja* (Ingliż) /start/ (zm)

| Imperfett | Perfett |
|---|---|
| nistarjta | startjajt |
| tistarjta | startjajt |
| jistarjta | startja |
| tistarjta | startjat |
| nistarjtaw | startjajna |
| tistarjtaw | startjajtu |
| jistarjtaw | startjaw |